**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 24 ta' Jannar 2023**

**Talba numru 319/2022 SFJ**

**GOOD EARTH DISTRIBUTORS (C-6370)**

**VS.**

**NICHOLAS VELLA (ID 543792 M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-7 ta' Novembru 2022 li permezz tiegħu is-soċjeta' attriċi ippremettiet u talbet:

> "*Illi l-konvenut huwa debitur tal-kumpanija esponenti fis-somma ta' EUR2,109.81 (elfejn, mija w disgħa ewro, u wieħed u tmenin ċenteżmu), rappreżentanti konsenja u/jew bejgħ ta' prodotti u/jew servizzi lilu mill-kumpanija esponenti, fuq inkarigu w istruzzjonijiet tieghu stess in konnessi man-negozju bl-isem Corner Crave u dan stante li t-tali somma hi dovuta. U dan qatt ma ħallas. Dan l-ammont jirrizulta mill-istatments hawn annessi w immarkati DOK A, kif ukoll mill-fatturi relattivi hawn annessi u mmarkati DOK B.*

*Illi l-kumpanija esponenti nterpellat lill-konvenut diversi drabi biex iħallasha l-ammont minnu dovut, fosthom permezz ta' ittra legali datata l-1 ta' Awissu 2022, u li ġiet konsenjata lill-konvenut, u ittra uffiċjali numru 2197- 2022 maħruġha a tenut tal-Artiklu 166A tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati, liema ittra pero' ġiet kontestata. Għalhekk, il-konvenut baqgħa inadapjenti u għalhekk din is-somma għadha ma tħallsitx u dan ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

*Għaldaqstant il-kumpanija talbet lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara lill-konvenut ikun debitur tagħha fis-soma ta' EUR2,109.81 (elfejn, mija w disgħa ewro, u wieħed u tmenin ċenteżmu), u konsegwentement jikkundanna l-istess konvenut iħallas lill-istess kumpanija esponenti din is-somma.*

*L-imgħaxijiet fuq l-ghola rata permessa mil-Liġi sad-data tal-ħlas effettiv u kif ukoll l-ispejjes kontra l-konvenut.*

**Ra li l-konvenut Nicholas Vella, fit-12 ta' Diċembru 2022, ippreżenta nota li permezz tagħha ammetta t-talba fl-ammont ta' EUR1,054.91** (Elf u erbgħa w ħamsin ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu).

Ra illi s-Soċjeta' attrici, fis-17 ta' Novembru 2022, kienet ippreżentat nota permezz ta' liema infurmat lit-Tribunal illi stante pagament parzjali fil-mori tal-kawża, akkont tal-ammont mitlub, hija kienet qed tirreduċi t-talba tagħha għal EUR1, 054.91 (Elf u erbgħa w ħamsin ewro w wieħed u disgħin), u dan oltre l-imgħaxijet bl-ogħla rata permessa mil-Liġi fuq l-ammont kif ridott kif ukoll l-ispejjes.

## <u>Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>

It-Tribunal ra id-dokumentazzjoni relattiva u cioe', sia ta n-nota tar-riduzzjoni tal-kumpanija attiriċi, kif ukoll ammissjoni li ġiet ippreżentata mill-konvenut stess.

## <u>Deċide</u>

Fid-dawl tal-fatt illi l-konvenut irreġistra ammissjoni, l-istess Tribunal taqta' w tiddeċiedi din l-azzjoni billi tilqa' t-talbiet kollha tas-Soċjeta' attriċi bis-sorte kif ridott u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas is-Soċjeta' attrici ta' EUR1,054.91 (Elf u erbgħa w hamsin ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu), bl-imgħaxx, liema imghaxx ghandu jirrekorri b'rata mhux

ogħla mir-rata massima permessa skont il-Liġi, kif indikat fl-Avviż tat-Talba, kif ukoll l-ispejjes tal-ittri legali w uffiċjali indikati fl-istess Avviż.

It-Tribunal jikkundanna wkoll lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta' attriċi l-ispejjes kollha ta' din il-kawża, inkluz  l-ittri legal uffiċjali, indikata fl-istess Avviż.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**